

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-illegalità tal-Artikolu 42c tar-Regolamenti tal-Persunal, sa fejn dan jikser il-premessi tar-Regolament (UE, EURATOM) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2013, li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2013 L 287, p. 15) u, b'mod partikolari l-possibbiltà li uffiċjal jaħdem faċilment sa 67 sena, jew, eċċezzjonalment, sa 70 sena.
3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tal-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi u ta' dmir ta' premura. Huwa wkoll ibbażat fuq l-eżistenza f'dan il-każ ta' żball manifest ta' evalwazzjoni.

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Marzu 2017 – M & K vs EUIPO – Genfoot (KIMIKA)

(Kawża T-171/17)

(2017/C 144/77)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: M & K Srl (Prato, l-Italja) (rappreżentant: F. Caricato, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Genfoot, Inc. (Montreal, Québec, il-Kanada)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni "KIMIKA" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 233 391

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Jannar 2017 fil-Każ R 1206/2016-4

Talbiet

- tirrikonoxxi u tiddikjara li r-rikors ippreżentat mir-rikorrenti huwa ammissibbli u fondat; u konsegwentement
- tbiddel id-deċiżjoni kkontestata;
- tibgħat il-kawża lura quddiem il-EUIPO sabiex ibiddel id-deċiżjoni u għalhekk jipprovdi għal reġistrazzjoni definittiva tat-trade mark tal-UE Nru 13 233 391 anki fil-klassijiet kkontestati;
- tikkundanna lill-parti l-oħra għall-ispejjeż tat-tliet proċedimenti.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 207/2009;
 - Il-Bord tal-Appell żbalja meta evalwa li kien hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks.
-